# Il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa 2018 għandu jiġi pospost għal nofs Ottubru

## Ċifri ppubblikati llum juru li l-2018 x'aktarx li tkun l-agħar sena għall-qtil illegali ta' għasafar protetti

- *BirdLife Malta tikteb lill-Prim Ministru Joseph Muscat u titolbu jipposponi l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa li jmiss għall-15 ta' Ottubru*
- *Hu biss b'pass bħal dan li jkun qed jintbagħat messaġġ ċar mill-Gvern li l-abbuż flagranti, bħall-massakru riċenti ta' Ċikonji Bojod, mhux se jiġi ttollerat aktar*
- *NGOs ambjentali oħrajn jappoġġjaw din it-talba, li l-għan tagħha hu li tiżgura li tajr protett li se jkun qed ipassi minn fuq Malta tul is-sitt ġimgħat li ġejjin, ma jinqatilx*
- *Il-pass li jmiss għandu jkun it-twaqqif ta' Wildlife Crime Unit, talba li issa għandha l-appoġġ unanimu tal-Kumitat Ornis*

Ftit jiem qabel il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa li hu skedat għas-Sibt li ġej l-1 ta' Settembru, il-Kunsill ta' BirdLife Malta bagħat ittra lill-Prim Ministru Joseph Muscat li fiha talab biex il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa li jmiss jiġi pospost għal nofs Ottubru. Din it-talba għandha l-appoġġ ta' numru ta' NGOs ambjentali oħrajn fosthom Flimkien Għal Ambjent Aħjar, Friends of the Earth Malta, Nature Trust-FEE Malta, Din l-Art Ħelwa, fish4tomorrow u Sharklab-Malta.

Hu biss b'pass bħal dan, tgħid l-ittra, li jkun qed jintbagħat messaġġ ċar mill-Gvern li l-abbuż flagranti u każi ta' kaċċa illegali bħall-massakru riċenti ta' Ċikonji Bojod protetti mhux se jiġu ttollerati aktar.

Tul l-aħħar ġimgħat, 18-il Ċikonja Bajda nqatlu madwar Malta. L-ittra lill-Prim Ministru tispjega li din l-ispeċi hija parti minn suċċess kbir li qed jiġi rreġistrat madwar l-Ewropa bis-saħħa tal-assistenza minn gvernijiet lokali li qed jgħinu fit-tkattir ta' dawn l-għasafar billi jħalluhom ibejtu fuq il-bjut tad-djar. Min-naħa l-oħra, dak li seħħ f'pajjiżna kien ta' għajb kbir.

Apparti dawn iċ-ċikonji, kellna għasafar oħra maqtula minn kaċċaturi. Però dan jibqa' biss farka minn dak li jkun qiegħed jiġri fil-kampanja u huwa sintomu ta' deċiżjonijiet żbaljati bbażati fuq pariri ħżiena. Wasal iż-żmien li l-Prim Ministru jieħu passi konkreti li jkunu mhux biss viżibbli iżda anke eżekuttivi, u jieħu azzjoni immedjata biex ma tibqax tiġi ttollerata din l-attitudni u titrażżan il-kaċċa illegali.

Dan, fl-opinjoni ta' BirdLife Malta, jista' jsir biss billi l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa jiġi pospost għall-15 ta' Ottubru filwaqt li l-pulizija jintalbu jkunu preżenti u viżibbli fil-



kampanja ta’ Malta u Għawdex. Dan huwa kruċjali minħabba li fil-ġimgħat li ġejjin jaħbat iż-żmien meta jpassu minn fuq il-Gżejjer Maltin eluf ta’ għasafar tal-priża protetti flimkien ma’ għasafar oħrajn. Il-perjodu wara l-15 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Jannar 2019 jibqa’ jservi bħala perjodu ta’ kaċċa għal dawk l-ispeċi li huma legalment kaċċabbli.

Fl-ittra lil Dr Muscat, BirdLife Malta tenniet ukoll li l-pass li jmiss għandu jkun li titwaqqaf Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, armata bir-riżorsi adegwati, sabiex tiżgura li l-liġijiet ambjentali ta’ Malta jiġu infurzati bis-serjetà. Din it-talba, għal darba, għandha l-approvazzjoni unanima tal-Kumitat Ornis.

“Għalkemm hemm ħafna iktar li għandu jsir, qegħdin ninsistu miegħek sabiex għalissa almenu taċċetta dawn it-talbiet li qed nagħmlulek sabiex niżguraw l-aqwa żmien ta’ pajjiżna anke f’dak li għandu x’jaqsam mal-ħarsien tal-ambjent naturali tagħna,” tkompli l-ittra, filwaqt li żżid li din it-talba qed issir sabiex għasafar protetti bħal tajr tal-priża, irsieset u ċikonji li se jkunu qed ipassu minn fuq pajjiżna tul dawn is-sitt ġimgħat li ġejjin u jfittxu kenn f’pajjiżna, jiġu mħarsa kif suppost u jiffaċċjaw inqas riskju li jispiċċaw vittmi tal-kaċċa illegali.

“Issa huwa ż-żmien li l-Gvern Malti juri biċ-ċar li jista’ jittieħed bis-serjetà meta jgħid li mhuwiex se jittollera l-ksur flagranti tal-liġijiet ambjentali. Wasal ukoll iż-żmien li l-Gvern jiddikjara l-appoġġ tiegħu lejn il-maġġoranza assoluta tal-poplu li xebgħet tara l-qtil illegali ta’ għasafar protetti,” sostnew il-President ta’ BirdLife Malta Darryl Grima u l-Kap Eżekuttiv Mark Sultana għan-nom tal-Kunsill ta’ BirdLife Malta fl-ittra tagħhom lill-PM.

F’konferenza tal-aħbarijiet fl-uffiċċji ta’ BirdLife Malta f’Ta’ Xbiex ftit sigħat wara li l-ittra ntbagħtet uffiċjalment lill-PM Muscat f’Kastilja, BirdLife Malta ppubblikat ukoll ċifri li juru li l-2018 x’aktarx tkun l-agħar sena għall-qtil illegali ta’ għasafar protetti. Għalkemm għadna f’Awwissu, l-ammont ta’ tajr protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali u nġabar minn BirdLife Malta u l-pulizija mill-bidu tas-sena ’l hawn diġà laħaq total ta’ 44 li huwa kważi d-doppju tal-ammont miġbur is-sena li għaddiet tul l-istess perjodu (Jannar-Awwissu) u diġà huwa aktar minn nofs it-total tal-2017 bħala sena sħiħa.

L-għasafar protetti li nafu li spiċċaw fil-mira tal-kaċċaturi tul l-aħħar ħames snin laħqu l-ogħla livell is-sena l-oħra b’total ta’ 82 għasfur bejn Jannar u Diċembru. Qabel is-sena l-oħra, l-ogħla ammont ta’ vittmi tal-kaċċa illegali kien irreġistrat fl-2013 b’total ta’ 76 għasfur protett maqtul jew ferut b’tiri tal-kaċċa. Fis-snin ta’ wara (2014, 2015 u 2016) in-numri kienu bdew jaqbdu t-triq tan-niżla imma l-kaċċa illegali reġgħet bdiet tgħolli rasha sew fl-2017 meta ntlaħaq ir-rekord għal dawn l-aħħar ħames snin. Kif jidhru l-affarijiet wara l-ewwel tmien xhur tal-2018, b’xorti ħażina kollox jindika li dan ir-rekord tas-sena l-oħra se jinkiser. Fil-fatt, jekk in-numru ta’ għasafar protetti li jinqatlu bejn Settembru u Diċembru ta’ din is-sena jkun fl-istess livell tal-istess perjodu s-sena li għaddiet, dan ikun ifisser li l-2018 tkun l-agħar sena għall-kaċċa illegali, ironikament l-istess sena li fiha l-Prim Ministru wiegħed li x-xenarju se jkun aħjar.

Il-konferenza stampa tal-lum waranofsinhar kienet indirizzata mill-President ta’ BirdLife Malta Darryl Grima, mill-Kap Eżekuttiv Mark Sultana u mill-Conservation Manager Nicholas Barbara. Matulha, l-uffiċjali ta’ BirdLife Malta ddikjaraw ukoll l-appoġġ tagħhom lejn NGOs oħrajn li qed jispiċċaw vittma ta’ abbuż verbali u theddid wara li semmgħu leħinhom fuq is-sitwazzjoni tal-kaċċa f’Malta, speċjalment wara l-qtil illegali taċ-Ċikonji Bojod.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**
- Tqabbil bejn il-każi ta' kaċċa illegali 2013-2018
- Il-lista ta' 44 għasfur protett feruti jew maqtula li nġabru bejn Jannar u Awwissu 2018

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Informazzjoni dwar l-istaġuni tal-kaċċa u r-regolamenti tal-kaċċa
- L-istqarrija maħruġa minn BirdLife Malta wara l-qtil tal-ewwel erba' Ċikonji f'Ħad-Dingli
- Ir-reazzjoni ta' BirdLife Malta għall-aħbar li nqatlu tliet Ċikonji oħra fil-Magħtab
- L-istqarrija tal-CABS dwar l-aħħar Ċikonja Bajda li kien għad fadal

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-6PmlHRMXei** (Ritratti ta' BirdLife Malta)
1. Ċikonja Bajda maqtula f'Ħad-Dingli
2. Ċikonji Bojod maqtula fil-Magħtab
3. L-aħħar Ċikonja Bajda li kien għad fadal ħajja, qabel sparixxiet
4. L-aktar vittma riċenti tal-kaċċa illegali, Kwakka li nġabret minn Ħal Għaxaq

5-11. Għażla ta' ritratti mill-konferenza tal-aħbarijiet tal-lum

**Niżżel il-filmati minn hawn (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
1. Il-qtil illegali ta' Ċikonji f'Ħad-Dingli u l-ġbir ta' waħda miċ-Ċikonji maqtula
2. L-aħħar Ċikonja Bajda li kien għad fadal qabel ma sparixxiet
3. Il-konferenza tal-aħbarijiet ta' dalgħodu

